MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

## MAGISTRAT DR.
## JOSEPH A. APAP BOLOGNA

Seduta ta' l-4 ta' Novembru, 2003

Avviz Numru. 522/2002

**Randolph Camilleri Surveys Limited**

**Vs**

**Pilastri Limited**

Il-Qorti,

Wara li rat it-talba tas-socjeta’ attrici ghall-kundanna tas-socjeta konvenuta ghall-hlas tas-somma ta’ Lm1911.76 (elf disa’ mija u hdax-il lira Maltija u sitta u sebghin centezmu) dovuti lill-kumpanija attrici bhala bilanc minn ammont akbar prezz ta’ servizzi lis-socjeta konvenuta moghtija fuq ordni taghha stess.

Bl-ispejjez, inkluzi dawk tal-ittra ufficjali datata 19 ta’ Lulju 2002 u l-mandat ta’ sekwestru pprezentat fis-26 ta’ Awissu 2002 u bl-imghax legali mill-prestazzjoni tas-

servizz sal-pagament effettiv, kontra l-kumpanija konvenuta li giet ingunta ghas-subizzjoni.

Wara li rat in-Nota ta' Mistoqsijiet tas-socjeta' attrici sabiex is-socjeta konvenuta twiegeb ghalihom bil-gurament, b'hekk l-istess ammont u spejjes jigu ppruvati (Art 698 u 702 (3) (b) Proc Civili).

Billi ghalkemm notifikata regolarment, is-socjeta konvenuta naqset u ma dehritx fit-27 ta' Ottubru 2003 meta gew prezentati l-kapitoli u lanqas llum, in-Nota tal-Mistoqsijiet tisthoqq li tkun emmnuta u ghalhekk ghandha tittiehed bhala mistqarra.

Tiddeciedi billi tilqa t-talba attrici u tikkundanna lis-socjeta konvenuta sabiex thallas lis-socjeta' attrici s-somma ta' Lm1911.76,0 bl-imghax legali mid-19 ta' Lulju 2002 sad-data tal-pagament effettiv u bl-ispejjes inkluzi dawk tal-ittra ufficjali tad-19 ta' Lulju 2002 u tal-mandat kawtelatorju ta' sekwestru tas-26 ta' Awissu 2002.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------